

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Każ COMP/M.6202 – Samsung LED/Sumitomo Chemical/JV)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**  
**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**  
(2011/C 93/12)

1. Fis-16 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha Samsung LED Co., Ltd., ("Samsung LED", il-Korea), u Sumitomo Chemical Co., Ltd., ("Sumitomo Chemical", il-Ġappun), jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' kumpanija ġdida li tikkostitwixxi kumpanija konġunta (il-"JV"), li se tipproduċi, fil-bidu, substrata taż-żaffir u, eventwalment, varjetà ta' kimiki u materjali avvanzati għall-applikazzjonijiet tal-LED, fil-Korea.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Għal Samsung LED: l-iżvilupp u l-manifattura ta' teknoloġiji tal-LED (Light Emitting Diode),

— Għal Sumitomo Chemical: kumpanija parent ta' grupp ta' kumpaniji attivi primarjament fis-settur tal-kimika (kimiki bażiki, petrokimiki u plastik, kimiki fini, kimiki relatati mal-IT, kimiki tal-agrikoltura, u farmaċewtiċi).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet <sup>(2)</sup> ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6202 – Samsung LED/Sumitomo Chemical/JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").